A.L. 65 tal-2022

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Regolamenti tal-2022 li jħassru r-Regolamenti Dwar Gruppi ta' Persuni f'Proprjetajiet Residenzjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jħassru r-Regolamenti Dwar Gruppi ta' Persuni f'Proprjetajiet Residenzjali.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fis-7 ta' Frar 2022.

Tħassir u riżervi. L.S. 465.56.

2. Ir-Regolamenti Dwar Gruppi ta' Persuni f'Proprjetajiet Residenzjali huma b'dawn imħassra:

Iżda r-Regolamenti Dwar Gruppi ta' Persuni f'Proprjetajiet Residenzjali għandhom jitqiesu li għadhom fis-seħħ, anke wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur ta' dawn l-istess regolamenti.